C/2024/6982

19.11.2024

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

tal-18 ta' Novembru 2024

li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw l-impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO)

(C/2024/6982)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 10 dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti stabbilita bl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti [1],

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) L-Artikolu 4(2)(d) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-kontributi tal-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu l-impenji maqbula, skont il-mekkaniżmu deskritt fl-Artikolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni.

(2) L-Artikolu 6(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li, abbażi tar-rapport annwali dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) ppreżentat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), il-Kunsill għandu jirrieżamina darba fis-sena jekk l-Istati Membri parteċipanti għadhomx iwettqu l-impenji aktar vinkolanti msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Appendiċi 1 għall-Anness tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2020 dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO għall-2020 jispeċifika li r-Rappreżentant Għoli għandu jippreżenta r-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-PESCO sa Lulju ta' kull sena, bil-ħsieb li l-Kunsill jadotta r-rakkomandazzjoni tiegħu li tivvaluta l-progress li jkun sar mill-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu l-impenji meħuda fil-qafas tal-PESCO sa Novembru ta' dik is-sena. Il-paragrafu 16 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2018 dwar pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO [2] jipprevedi li l-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC) jenħtieġ li jipprovdi parir militari u rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex dan ikun jista' jħejji r-rieżami tal-Kunsill dwar jekk l-Istati Membri parteċipanti jkunux għadhom iwettqu l-impenji aktar vinkolanti.

(4) Il-paragrafu 26 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2021 dwar is-sekwenzjar tat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti meħuda fil-qafas tal-PESCO u li tispeċifika objettivi aktar preċiżi, u li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-15 ta' Ottubru 2018 [3] (ir-"Rakkomandazzjoni tas-16 ta' Novembru 2021"), jipprevedi li l-Istati Membri parteċipanti ser jirrieżaminaw u jaġġornaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali (PIN) tagħhom kif meħtieġ u jikkomunikawhom lis-segretarjat tal-PESCO sal-10 ta' Marzu 2022, u kull sena wara dan sal-istess data f'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, fid-dawl tal-proċess ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 6(3) ta' dik id-Deċiżjoni. Kull sentejn, jenħtieġ li l-PIN ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni politika ta' livell għoli fejn l-Istati Membri parteċipanti jistgħu jelenkaw il-kisbiet ewlenin, jindikaw il-prijoritajiet nazzjonali speċifiċi u jaqsmu l-esperjenza tagħhom fejn jidħlu l-ippjanar u l-kontributi għat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti kollha.

(5) Il-paragrafu 28 tar-Rakkomandazzjoni tas-16 ta' Novembru 2021 jipprevedi li r-Rappreżentant Għoli jenħtieġ li jieħu kont ta' dik ir-Rakkomandazzjoni fir-rapport annwali dwar il-PESCO mill-2022 'il quddiem, liema rapport ser jappoġġa l-valutazzjoni tat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti minn kull Stat Membru parteċipanti.

[1] ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57.
[2] ĠU C 88, 8.3.2018, p. 1.
[3] ĠU C 464, 17.11.2021, p. 1.

(6) Fit-23 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1015 ([4]), li, fost l-oħrajn, ikkonfermat il-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO.

(7) Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tiegħu ([5]) li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw l-impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti, li tipprovdi gwida għall-implimentazzjoni tal-PESCO, kif ukoll għar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, inkluż l-għan u l-iskeda ta' żmien tagħha.

(8) Fl-20 ta' Marzu 2024, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta r-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika, li saħaq li l-PESCO tibqa' qafas kruċjali għall-kooperazzjoni fid-difiża biex tiżdied il-kapaċità li naġixxu u ninvestu flimkien u nnota li r-Rieżami Strateġiku jipprovdi opportunità kbira biex il-PESCO tiġi adattata għall-ambjent mibdul u biex ssir adatta għall-iskop tagħha għas-snin li ġejjin.

(9) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill approva Konklużjonijiet dwar is-Sigurtà u d-Difiża tal-UE, fejn saħaq li l-PESCO hija qafas ċentrali biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri parteċipanti fil-livell tal-Unjoni, billi ssaħħaħ it-tħejjija operazzjonali u l-interoperabbiltà, l-infiq u l-investiment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u l-kontribut tal-forzi armati tagħhom għall-missjonijiet l-aktar impenjattivi, kif ukoll billi tgħin biex tinbena kultura strateġika komuni. Il-Kunsill ipprovda wkoll gwida għar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO li għaddej bħalissa, li tindirizza kemm l-impenji aktar vinkolanti kif ukoll il-proġetti kollaborattivi.

(10) Fil-31 ta' Lulju 2024, ir-Rappreżentant Għoli pprovda lill-Kunsill ir-Rapport Annwali dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-PESCO (ir-"Rapport Annwali"), inkluż dwar it-twettiq minn kull Stat Membru parteċipanti tal-impenji tiegħu, f'konformità mal-PIN aġġornat u rieżaminat tiegħu, u ppreżenta wkoll rakkomandazzjonijiet, abbażi tal-fażi ta' riflessjoni tar-Rieżami Strateġiku, dwar it-tfassil tal-PESCO għat-tieni fażi tagħha mill2026 sal-2030 biex twieġeb aħjar u tagħti riżultati aħjar fl-ambjent tas-sigurtà li qed jinbidel.

(11) Għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jadotta Rakkomandazzjoni li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu l-impenji meħuda fil-qafas tal-PESCO,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

I. **Objettiv u ambitu**

1. L-objettiv ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tivvaluta l-kontributi li saru mill-Istati Membri parteċipanti biex iwettqu 1-20 l-impenn aktar vinkolanti meħuda fil-qafas tal-PESCO. Il-valutazzjoni hi bbażata fuq ir-Rapport Annwali pprovdut mir-Rappreżentant Għoli fil-31 ta' Lulju 2024 u fuq il-PIN ippreżentati mill-Istati Membri parteċipanti fl-2024, li kienu akkumpanjati minn dikjarazzjonijiet politiċi ta' livell għoli. Din is-sena, ir-Rapport Annwali fih taqsima ddedikata għar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO.

II. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

2. Ir-Rapport Annwali joffri bażi solida biex jiġi vvalutat l-istatus tal-implimentazzjoni tal-PESCO, inkluż l-issodisfar tal-20 impenn aktar vinkolanti, inkluż permezz tal-proġetti tal-PESCO, minn kull Stat Membru parteċipanti f'konformità mal-PIN tiegħu.

3. Il-Kunsill jinnota li, f'konformità maċ-ċiklu biennali, l-Istati Membri parteċipanti kollha akkumpanjaw il-PIN tagħhom b'dikjarazzjoni politika ta' livell għoli, li tiddeskrivi l-kisbiet ewlenin u tiddikjara prijoritajiet u kontributi nazzjonali speċifiċi għat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti. Il-Kunsill jisħaq fuq ir-rilevanza ta' PIN iffukati bħala bażi għall-valutazzjoni tal-progress fil-PESCO u dik tad-dikjarazzjonijiet politiċi bħala mezz biex tiġi żgurata s-sjieda politika meħtieġa.

4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti fl-adozzjoni ta' approċċ aktar strateġiku u mmexxi mill-politika fil-PIN tagħhom, appoġġat minn eżempji ta' azzjonijiet konkreti meħuda. Madankollu, huwa jenfasizza l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex jiġu riflessi aħjar f'dawk l-PINs il-politiki ta' difiża, l-istrateġiji u l-ippjanar

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1015 tat-23 ta' Mejju 2023 li tikkonferma l-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti (ĠU L 136, 24.5.2023, p. 73).

([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2023 li tivvaluta l-progress li sar mill-Istati Membri parteċipanti biex jissodisfaw impenji meħuda fil-qafas tal-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) (ĠU C, 14.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/994/oj).

li jħarsu ’l quddiem, u l-objettivi fit-tul tal-Istati Membri parteċipanti. Dan ser jgħin biex jiġu artikolati l-intenzjoni politika u l-viżjoni għat-twettiq tal-impenji. Dan l-approċċ ser jikkontribwixxi wkoll għall-viżibbiltà politika tal-inizjattiva.

5. Il-Kunsill jissottolinja li, matul il-perjodu ta’ rapportar, il-PESCO baqqgħet qafas ċentrali għall-approfondiment tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri parteċipanti fil-livell tal-Unjoni, billi saħħet it-tħejjija operazzjonali u l-interoperabbiltà, l-infiq u l-investiment fid-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u l-kontribut tal-forzi armati tagħhom għall-missjonijiet l-aktar impenjattivi, kif ukoll billi għenet biex tinbena kultura strateġika komuni.

6. Il-Kunsill jilqa’ l-fatt li r-Rapport Annwali jinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, abbażi tal-eżiti tal-fażi ta’ riflessjoni tar-Rieżami, imwettqa f’konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2023.

Impenji

7. Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, il-Kunsill jilqa’ b’sodisfazzjon il-kooperazzjoni msaħħa fil-qafas tal-PESCO u t-titjib fl-oqsma kollha ta’ impenn. Fl-istess ħin, jirrikonoxxi li huwa meħtieġ aktar progress għat-twettiq tal-impenji kollha sa tmiem it-tieni fażi inizjali tal-PESCO fl-2025.

8. Għal dak l-għan, il-Kunsill jissottolinja li:

(a) b’reazzjoni għat-tibdil fl-ambjent tas-sigurtà, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri parteċipanti komplew iżidu n-nefqa tagħhom għad-difiża, u dan wassal għal żieda ta’ 10 % fin-nefqa għad-difiża fl-2023 meta mqabbla mal-2022. Aktar żidiet huma previsti fl-2024, bin-nefqa fuq id-difiża mbassra li tiżdied b’16 %, u tilħaq 1,9 % tal-PDG tal-UE. Madwar nofs l-Istati Membri parteċipanti jonfqu aktar minn 2 % tal-PDG tagħhom fuq id-difiża, u b’hekk jissodisfaw ukoll il-linja gwida rilevanti tan-NATO, fejn applikabbli. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri parteċipanti nefqu wkoll mill-inqas 20 % tal-baġit totali tagħhom għad-difiża fuq l-investiment fid-difiża, u b’hekk laħqu l-livell stabbilit fil-parametru referenzjarju kollettiv stabbilit mill-Bord ta’ Tmexxija Ministerjali tal-EDA fl-2007. Għalhekk, il-Kunsill jinnota li ż-żewġ impenji rilevanti jistgħu jitqiesu li fil-biċċa l-kbira ġew issodisfati fil-fażi inizjali tal-PESCO.

Minkejja żieda ġenerali ta’ 28 % fl-investiment tal-UE fir-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża fl-2024, il-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti biex jintlaħaq il-punt ta’ riferiment kollettiv għadhom taħt 2 %, b’total ta’ 1,6 % tan-nefqa totali għad-difiża. L-Istati Membri parteċipanti qed jonfqu aktar, iżda mhux aktar flimkien: iż-żieda fin-nefqa u fl-investiment għad-difiża ma ssarrfitx fi proġetti aktar kollaborattivi. L-attivitajiet ta’ akkwist konġunt u strumenti u proposti leġiżlattivi ġodda fil-livell tal-Unjoni, bħar-Regolament li jistabbilixxi strument għat-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża permezz tal-Akkwist komuni (EDIRPA) u Regolament propost mill-Kummissjoni ”li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta’ miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f’waqthom ta’ prodotti tad-difiża” (EDIP), jistgħu jgħinu biex titreġġa’ lura din it-tendenza, u b’hekk jappoġġaw il-kisba tal-parametri referenzjarji Ewropej fir-rigward tal-akkwist kollaborattiv ta’ tagħmir tad-difiża (35 %) u tar-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża kollaborattiva Ewropea (20 %) stabbiliti mill-Bord ta’ Tmexxija Ministerjali tal-EDA fl-2007. Il-Kunsill ifakkar li t-tisħiħ tar-riċerka, it-teknoloġija, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, kif ukoll l-akkwist, partikolarment f’kooperazzjoni fost l-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li jibqa’ prijorità għall-Istati Membri parteċipanti, filwaqt li jinstab ukoll il-bilanċ it-tajjeb bejn l-innovazzjoni fit-tul għal kapaċitajiet futuri u kwantitajiet adegwati ta’ tagħmir militari u ħażniet ta’ tagħmir militari, anke bil-ħsieb li tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB).

(b) l-Istati Membri parteċipanti wrew titjib fl-użu tal-għodod u l-inizjattivi tal-UE għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet bħala referenzi fil-proċessi nazzjonali, u ħafna minnhom urew interess fl-esplorazzjoni tal-aħjar użu tagħhom biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom fil-futur. Peress li bosta Stati Membri parteċipanti jirrikonoxxu li l-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE tal-2023 huma konformi mal-prijoritajiet nazzjonali tagħhom, dan l-allinjament jista’ jirriżulta f’kooperazzjoni msaħħa fl-indirizzar ta’ lakuni fil-kapaċitajiet tal-UE identifikati b’mod komuni, filwaqt li jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet nazzjonali, u għall-prijoritajiet tan-NATO, għal dawk l-Istati Membri li huma wkoll membri tan-NATO. Il-Kunsill ifakkar li l-Istati Membri parteċipanti huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-għodod u l-inizjattivi ta’ prijoritizzazzjoni tal-UE, b’mod partikolari l-Pjan tal-Iżvilupp

tal-Kapaċitajiet tal-UE (CDP) li jservi bħala referenza ċentrali għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE, b'kont meħud tal-Proċess tal-Objettiv Primarju, kif ukoll rakkomandazzjonijiet tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) biex jinfurmaw lill-pjanifikaturi nazzjonali. Dan jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri parteċipanti biex jikkonverġu l-pjanijiet ta' difiża tagħhom, fejn possibbli. Il-Kunsill iħakkar li l-koerenza fir-riżultati bejn, min-naħa waħda, is-CDP u l-CARD u, min-naħa l-oħra, il-proċessi rispettivi tan-NATO bħall-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO, kienet u ser tkompli tiġi żgurata fejn ir-rekwiżiti jikkoinċidu, filwaqt li tiġi rikonoxxuta n-natura differenti taż-żewġ organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet u l-membri rispettivi tagħhom.

(c) l-Istati Membri parteċipanti huma impenjati għall-implimentazzjoni tal-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu tal-UE (EU RDC), riżultat ewlieni tal-Boxxla Strateġika, bil-ħsieb li tintlaħaq il-kapaċità operazzjonali sħiħa tal-EU RDC sal-2025. L-Istati Membri parteċipanti komplew jikkontribwixxu biex jimtela r-Roster tal-Gruppi Tattiċi, u ddikjaraw moduli nazzjonali addizzjonali għall-Bażi tad-Data Komprensiva, u ħafna minnhom ħadu sehem fl-ewwel eżerċizzju attiv tal-UE, li appoġġa t-tħejjija tal-EU RDC, fl-2023. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar u jisħaq fuq l-importanza li jitkomplew l-isforzi biex tiġi sostnuta din ix-xejra pożittiva permezz ta' impenji kontinwi għall-EU RDC. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri parteċipanti biex jikkunsidraw li jassumu r-responsabbiltà bħala nazzjon qafas għall-Gruppi Tattiċi tal-UE. B'mod parallel, fid-dawl tal-lakuni kritiċi li l-biċċa l-kbira tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK kienu qed jiffaċċjaw, huwa jappella lill-Istati Membri parteċipanti biex iżidu b'mod urġenti l-kontributi tagħhom, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-prinċipju "ġabra waħda ta' forzi". Dawn l-isforzi kollha ser jikkontribwixxu biex ikomplu jiżdiedu l-interoperabbiltà, it-tħejjija u l-effettività operazzjonali. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-finalizzazzjoni tar-rivalutazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjoni tal-kostijiet komuni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK, l-eżerċizzji militari u l-EU RDC, u l-emenda konsegwenti tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-EPF. Rigward il-Proċess tal-Objettiv Primarju, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri parteċipanti biex itejbu l-kontributi għall-Katalogu tal-Forzi bil-kapaċitajiet nazzjonali kollha skjerabbli u biex jirriflettu aħjar fil-PIN l-isforzi tal-ippjanar sabiex jiġu indirizzati l-Għanijiet ta' Kapaċità ta' Impatt Għoli.

(d) filwaqt li ħafna Stati Membri parteċipanti qed jivvalutaw mill-ġdid il-politiki u l-istrateġiji tagħhom biex jagħmlu użu aħjar minn approċċ kollaborattiv Ewropew fl-indirizzar tal-lakuni fil-kapaċitajiet nazzjonali, għall-maġġoranza tal-Istati Membri parteċipanti, għadha mhijiex qed tingħata biżżejjed prijorità lil approċċ kollaborattiv Ewropew. Il-Kunsill għalhekk jappella lill-Istati Membri parteċipanti biex jużaw il-baġits dejjem akbar tagħhom fir-riward tad-difiża sabiex iżidu l-investimenti f'soluzzjonijiet kollaborattivi Ewropej, u b'hekk jikkontribwixxu għal xenarju tad-difiża tal-UE aktar koerenti u għat-tnaqqis tad-dipendenzi teknoloġiċi u industrijali. Biex ikompli jissaħħaħ l-approċċ kollaborattiv Ewropew, l-Istati Membri parteċipanti huma mistiedna wkoll jikkapitalizzaw aħjar fuq l-opportunitajiet kollaborattivi proposti fil-CARD biex iħejju proposti ġodda għas-sitt mewġa li jmiss ta' proġetti PESCO.

(e) L-Istati Membri parteċipanti komplew jużaw l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) bħala l-forum Ewropew għall-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet. Ir-rwol ewlieni tal-EDA bħala r-rabta Intergovernattiva tad-Difiża fil-livell tal-UE ssaħħaħ permezz tar-Rieżami fit-Tul tagħha, adottat reċentement mill-Ministri għad-Difiża. L-EDA ser tappoġġa lill-Istati Membri bil-ħames kompiti ewlenin tagħha, relatati mal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' kapaċità kondiviżi, l-abilitazzjoni tal-RT&I kollaborattivi fil-qasam tad-difiża, l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti, l-aggregazzjoni tad-domanda għall-akkwist konġunt, u l-interazzjoni mal-politiki ċivili u ta' difiża tal-UE. L-Istati Membri parteċipanti huma mħeġġa jagħmlu l-aħjar użu mir-rwol imsaħħaħ tal-EDA fiċ-ċiklu sħiħ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet, filwaqt li jkomplu jtejbu l-koerenza fir-riżultati man-NATO.

(f) permezz tal-użu kontinwu u miżjud tagħhom tal-Fond Ewropew għad-Difiża biex jappoġġaw il-proġetti, l-Istati Membri parteċipanti kkontribwew għall-kooperazzjoni transfruntiera u t-tisħiħ tal-EDTIB. Barra minn hekk, bosta Stati Membri parteċipanti juru appoġġ dejjem akbar għal industrija tad-difiża Ewropea aktar integrata u aktar b'saħħitha, kif muri wkoll mill-parteċipazzjoni tagħhom fi strumenti u inizjattivi bħall-EDIRPA u l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP). Il-Kunsill iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Istati Membri parteċipanti biex iżidu l-isforzi biex jiżguraw li l-programmi ta' kooperazzjoni u l-istrateġiji ta' akkwist tagħhom ikollhom impatt pożittiv fuq l-EDTIB, u biex jagħmlu l-aħjar użu mill-għodod finanzjarji eżistenti u futuri tal-UE f'dan ir-rigward, inkluż il-Fond Ewropew għad-Difiża u dawk previsti fir-Regolament propost mill-Kummissjoni "li jistabbilixxi

l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża". Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon il-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli dwar Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea ġdida u jappella biex il-ħidma kollha fir-rigward tagħha titmexxa 'l quddiem f'koordinazzjoni mal-Istati Membri.

9. Barra minn hekk il-Kunsill jappella lil kull Stat Membru parteċipant biex iqis il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fir-Rapport Annwali, u jirrieżamina u jaġġorna l-kontribut tiegħu għat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti kollha.

Proġetti tal-PESCO

10. Filwaqt li jinnota r-Rapport ta' Progress tal-Proġetti PESCO tas-16 ta' Lulju 2024 ([6]), il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali tal-proġetti fl-oqsma kollha, b'għadd sinifikanti ta' proġetti li avvanzaw għall-fażi ta' eżekuzzjoni. Il-Kunsill jinnota wkoll li matul is-sena li għaddiet, il-proġetti PESCO komplew jagħtu riżultati tanġibbli filwaqt li xi whud irrapportaw dewmien.

11. Il-Kunsill jissottolinja r-rilevanza tal-proġetti PESCO għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE fis-sitwazzjoni ġeostrateġika l-ġdida, filwaqt li juri r-reżiljenza u l-adattabbiltà tagħhom għal sfidi multidimensjonali. Il-Kunsill jinnota li r-rilevanza kontinwa tal-proġetti PESCO hija kkonfermata minn żieda sinifikanti fil-livell ta' parteċipazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti fis-sena li għaddiet u minn xi stati terzi li esprimew interess li jissieħbu fi proġetti speċifiċi.

12. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fil-kuntest tal-PESCO f'oqsma operazzjonali differenti, inkluż permezz ta' proġetti PESCO attwali u futuri. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li, għal dan l-għan, diversi proġetti li għaddejjin qed jaħdmu biex jindirizzaw it-tagħlimiet mir-ritorn ta' gwerra ta' intensità għolja fil-kontinent Ewropew, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kapaċitajiet ta' sparar indirett u t-taħriġ mediku fil-qasam tal-art, it-trasport strateġiku bl-ajru, l-iżgurar tal-kontroll fuq l-ispazju tal-ajru, ir-rikonjizzjoni, is-sorveljanza, u l-immirar tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ajru, il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika taħt l-ilma fil-qasam marittimu, u l-ambjenti ta' taħriġ ċibernetiku fil-qasam ċibernetiku.

13. Il-Kunsill ifakkar li bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO għall-2020 ([7]), 26 proġett kellhom jagħtu riżultati konkreti jew jilħqu kapaċità operazzjonali sħiħa (FOC) sal-2025. Il-Kunsill jinnota li attwalment nofs dawn il-proġetti huma mistennija jilħqu dan l-objettiv, inkluż tnejn li diġà ngħalqu b'suċċess u b'riżultati tanġibbli fl-2024: Grupp Ristrett li Jħaddem ir-Rispons għall-Kriżijiet tal-EUFOR li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi tal-UE ta' rilevament tal-forzi, u Kmand Mediku Ewropew, li jistabbilixxi kapaċità medika permanenti li tappoġġa l-koordinazzjoni tas-servizzi mediċi militari tal-Istati Membri. Din il-kapaċità medika diġà ntużat b'appoġġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 u pprovdiet assistenza lill-Ukrajna wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra dak il-pajjiż.

14. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-proġetti PESCO fl-oqsma ċibernetiċi u marittimi qed jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' politiki usa' tal-UE li huma ta' benefiċċju wkoll għall-qasam militari, jiġifieri l-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża ([8]) u l-Istrateġija tal-UE dwar is-Sigurtà Marittima ([9]). Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li l-implimentazzjoni tas-sett il-ġdid ta' azzjonijiet maqbula fil-Wegħda dwar il-Mobbiltà Militari tal-2024 ser tiġi ffaċilitata mill-proġetti PESCO Mobbiltà Militari u Network ta' Ċentri Loġistiċi fl-Ewropa li jipprovdu eżempju ta' kollaborazzjoni bejn il-proġetti PESCO.

15. Il-Kunsill jenfasizza li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE għandhom jibbenefikaw mill-outputs tal-proġetti tal-PESCO u b'hekk jottimizzaw ir-riżorsi eżistenti u jtejbu l-effettività ġenerali tagħhom. F'dan ir-rigward, diversi proġetti li għaddejjin bħalissa jfittxu kooperazzjoni bħal din.

16. Il-Kunsill jenfasizza li element ewlieni għas-suċċess tal-proġetti PESCO huwa proposta stabbilita sew b'livell xieraq ta' maturità, u skeda ta' żmien ċara. Dan intwera minn diversi proġetti adottati f'Mejju 2023 li diġà qed isir progress fihom, u proġett wieħed li beda l-implimentazzjoni tiegħu fil-qafas tal-PESCO mill-fażi ta' eżekuzzjoni.

17. Fid-dawl tas-sejħa għas-sitt mewġa ta' proposti għal proġetti PESCO, imnedija f'Lulju 2024, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-proġetti l-ġodda jiżguraw koerenza sħiħa mal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE tal-2023, inkluż l-Għanijiet ta' Kapaċità b'Impatt Għoli, u l-eżiti tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) tal-2024. Il-Kunsill jissottolinja li l-opportunitajiet kollaborattivi identifikati permezz tal-CARD jenħtieġ li jiggwidaw

([6]) Rapport ta' Progress tas-16 ta' Lulju 2024 dwar il-Proġetti PESCO (12340/24).
([7]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO għall-2020 tal-20 ta' Novembru 2020 (13188/20).
([8]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża tat-22 ta' Mejju 2023 (9618/23).
([9]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha tal-24 ta' Ottubru 2023 (14280/23).

lill-Istati Membri għal proġetti PESCO ġodda, u l-kontinwazzjoni u l-espansjoni possibbli fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk eżistenti. Fid-dawl tax-xenarju tat-theddid li qed jiddeterjora malajr u l-ħtieġa li tissaħħaħ b'mod urġenti t-thejjija tad-difiża tal-Unjoni, kif ukoll li jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni tal-UE, il-Kunsill iħeġġeġ biex jiġu kkunsidrati proġetti ambizzjużi ġodda ta' rilevanza strateġika b'enfasi fuq dawk li ser jindirizzaw il-kapaċitajiet meħtieġa bl-aktar mod kritiku tal-Istati Membri parteċipanti, anke biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, u proġetti li jappoġġaw il-EU RDC u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, it-thejjija, u l-interoperabbiltà tal-forzi biex tkompli tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża.

18. Il-Kunsill ifakkar li Stati terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO, f'konformità mal-proċedura ta' stedina li tinsab fid-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Il-Kunsill itenni li huwa jistenna b'interess il-parteċipazzjoni futura tar-Renju Unit fil-proġett ta' Mobbiltà Militari, mat-tlestija tal-Arranġament Amministrattiv, kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2244 ([10]).

III. **Rieżami Strateġiku tal-PESCO**

19. Il-Kunsill ifakkar fil-gwida tiegħu, ippruvduta fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2023 fir-rigward tar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, li permezz tiegħu l-Istati Membri parteċipanti ser jivvalutaw it-twettiq tal-impenji kollha tal-PESCO stabbiliti għall-fażi inizjali, u jiddiskutu u jiddeċiedu dwar impenji ġodda, bil-ħsieb li jibdew stadju ġdid lejn l-integrazzjoni Ewropea tas-sigurtà u d-difiża, f'konformità mal-Boxxla Strateġika.

20. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni b'suċċess tal-fażi ta' riflessjoni, li saret minn Novembru 2023 sa Mejju 2024, li inkludiet diskussjonijiet fost l-Istati Membri parteċipanti dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-profondità tar-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, u jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet riflessi fir-Rapport Annwali.

21. Filwaqt li jfakkar li r-Rieżami Strateġiku tal-PESCO għandu jirriżulta f'PESCO aktar strateġika u effettiva lil hinn mill-2025, sabiex tiġi ffinalizzata l-fażi tad-deċiżjoni, il-Kunsill ser jipprovdi gwida ffukata dwar il-futur tal-PESCO permezz tal-Konklużjonijiet tiegħu li għandhom jiġu approvati f'Novembru 2024.

IV. **It-triq 'il quddiem**

22. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu aktar progress fl-implimentazzjoni tal-20 impenn aktar vinkolanti, bil-ħsieb li kollha kemm huma jitwettqu sal-2025, kif ukoll fil-proġetti relatati, b'kont meħud ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Il-Kunsill jissottolinja li l-proġetti jenħtieġ li jassistu lill-Istati Membri parteċipanti fit-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti.

23. Ir-Rapport Annwali pprovda informazzjoni dwar il-progress miksub fit-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti mit-tnedija tal-PESCO fl-2017 u b'hekk ippreżenta l-istatus tal-implimentazzjoni tal-PESCO hekk kif l-inizjattiva qed toqrob lejn tmiem il-fażi inizjali tagħha fl-2025. Għalhekk, l-Istati Membri parteċipanti huma mistiedna jivvalidaw l-informazzjoni fil-PIN tagħhom għall-2024 u jżidu biss bidliet sinifikanti mis-sena preċedenti, filwaqt li jagħmlu enfasi fuq kwistjonijiet politiċi u relatati mal-politika li jbiddlu jew itejbu l-istampa ġenerali.

24. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-gwida deskritta fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-13 ta' Novembru 2023, b'mod partikolari kif stabbilita fil-paragrafi 20 sa 23 tagħha, dwar impenji, proġetti, koerenza ma' inizjattivi u proċessi oħra, u sorveljanza politika ġenerali, li tibqa' valida. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw dik il-gwida, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet ipprovduti hawnhekk, filwaqt li jistedinhom jimplimentaw, kemm jista' jkun fil-fażi attwali tal-PESCO, l-orjentazzjonijiet li ser jingħataw fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO. Dan ser jgħin biex titwitta t-triq għat-tieni fażi tal-PESCO, skedata li tibda fl-2026.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2244 tal-14 ta' Novembru 2022 dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari (ĠU L 294, 15.11.2022, p. 22).

25. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna b'interess l-emenda tal-atti legali rilevanti tal-PESCO fl-2025 abbażi tal-gwida li għandha tiġi pprovduta fil-Konklużjonijiet li jmiss tiegħu dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO, li għandhom jiġu approvati f'Novembru 2024.

Magħmul fi Brussell, il-18 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES